**NOMINA TAS-SUR ALEXANDER DEMARCO**
**GHAL HATRA TA GVERNATUR TAL-BANK CENTRALI TA MALTA**

**Mistoqsijiet maghmula mill-Membri min-naha tal-Gvern**

1. **X'kienu l-aktar bidliet sinjifikanti fir-rwol tal-Bank Centrali ta Malta tul is-snin u x'tara li huma l-isfidi ewlenin li ghandu quddiemu?**

Jien ili nahdem gewwa il-Bank Centrali ta Malta ghal kwazi 42 sena u rajt bosta bidliet sinjifikanti fil-Bank. Fit-twelid tieghu il-funzjoni tal-Bank kienet l-aktar fukata fuq li jzomm il-valur tar-rata tal-kambju tal-lira Maltija, billi ghal bosta snin il-ligi kienet taghti il-poter fuq caqlieq fir-rati tal-imghax lill-Ministru tal-Finanzi. Apparti dan, naturalment il-Bank kellu r-responsabilita ghac-cirkolazzjoni tal-karti u l-muniti tal-flus, funzjoni li baqa jaqdi tul is-snin sa llum. Barra minn hekk, il-Bank kien, u ghadu llum, il-bankier tal-gvern, ghalkemm illum il-gvern u entitajiet tieghu juzaw ukoll banek kummercjali u ghandhom kontijiet maghhom ukoll.

L-ewwel bidla sinjifikanti li esperjenza il-Bank kien fis-snin 90 meta gie liberallizzat il-qasam finanzjarju f'pajjizna u l-Bank inghata s-setgha li jkun hu li jibdel ir-rati ta l-imghax f'pajjizna u ghal dan il-ghan dak iz-zmien kien twaqqaf il-kunsill ghal politika monetarja f'pajjizna. Ghalkemm il-kontrolli fuq il-kambju ta munita barranija kien beda jonqos sew, madanakollu, bhala Bank dejjem kellna l-opinjoni li nzommu kemm jista jkun il-valur ta l-lira Maltija stabbli ma muniti barranin billi Malta ghandha ekonomija miftuha hafna ghal-kummerc internazzjonali u dan jghin kemm lill-esportaturi biex ikollhom aktar stabilita fi d-dhul li jaghmlu meta jikkonvertu liri Maltin f'munita barranija u vici versa meta jbieghu il-prodotti taghhom bil-prezz li jkunu ffissaw. Din l-istabilita fir-rata tal-kambju tghin ukoll biex taghti aktar certezza lill-investituri barranin meta jinvestu f'Malta. Ix-xoghol li ghamel il-Bank Centrali kien siewi sabiex ic-cittadini ta dan il-pajjiz dejjem kellhom fiducja fil-lira Maltija, li flimkien ma politika ekonomika orjentata lejn il-kummerc barrani, ghenet ukoll lill-Bank biex izomm il-lira Maltija stabbli sa l-ahhar.

Naturalment, id-dhul ta Malta fl-Unjoni Ewropeja (UE) u l-oggettiv li naddottaw l-ewro minn kmieni kien kapitlu ta bidla kbira fil-Bank. Kien hemm min kien jahseb, u forsi ghadu jahseb, li r-rwol tal-BCM spicca, Dan assolutament mhux il-kaz. Huwa minnu li l-Bank ma kienx ghad baqalu rata tal-kambju x'jamministra, spiccaw ukoll kollha il-kontrolli tal-kambju, u l-kunsill ghall-politika monetarja tal-Bank gie xolt. Izda, billi l-Gvernatur sar membru tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Centrali Ewropew (BCE), ix-xoghol tal-Bank inbidel u twessa biex ikun f'posizzjoni li jonora l-obbligi kollha li ghandu bhala membru ta l-Ewrosistema, li mhumiex zghar, u li huma l-istess ghall-pajjizi membri kollha minkejja li ahna bhala pajjiz zghir ghandna rizorsi limitati ferm aktar minn pajjizi kbar. Din hi sfida li l-Bank u l-impjegati tieghu jiffaccjaw ta kuljum. Madankollu, din ssarrafniha f'opprtunita biex nizviluppaw il-hiliet taghna u llum f'diversi oqsma naghtu il-kontribut taghna fid-diskussjonijiet u d-decizjonijiet li jittiehdu fl-Ewrosistema.

Il-BCM sar membru tal-Ewrosistema fil-bidu tal-krizi finanzjarja u dak iz-zmien konna partecipi f'decizjonijiet mehuda mill-BCE sabiex, permezz tal-politika monetarja tieghu, jghin lill-bosta pajjizi membri biex johorgu mill-krizi finanzjarja ta l-2008. Dak iz-zmien, il-BCE kien naqqas ir-rata tal-imghax li jislef lill-banek kummercjali ghal livell baxx hafna sabiex il-

banek ikollhom likwidita bi prezz irhis li jippermettilhom jisilfu lin-negozji bi prezz irhis ukoll. Dak iz-zmien, billi is-sors tal-krizi kienu l-banek, il-Kunsill tal-Ministri kien haseb biex idahhal regoli aktar stringenti fuq il-banek u ukoll nieda il-hsieb ta unjoni bankarja fejn il-banek kollha ewropej mhux biss ikunu suggetti ghall-istess regoli izda ukoll jkollhom supervizjoni komuni billi din tghaddi ghand regolatur wiehed minflok li kull pajjiz iwettaq supervizjoni tal-banek kollha ta pajjizu wahdu.

Wara li fl-2010 l-ekonomija Ewropeja bdiet tistejqer, fl-2012/3 faqqghet il-krizi tal-Grecja, li gibdet maghha lil Cipru, u pajjizi ohra bhall-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Irlanda gew taht pressjoni kbira. Hawnhekk, billi r-rata tal-inflazzjoni kienet ferm il-boghod mill-mira ta ftit anqas minn 2%, il-BCE ha diversi mizuri qawwija fejn nizzel r-rati ta l-imghax ghal anqas minn zero, u fl-2015 holoq diversi strumenti godda ta self lill-banek kummercjali (Long Term Refinancing Operations - LTROs) kif ukoll programm ta xiri ta bonds mahruga minn gvernijiet ta pajjizi membri ta l-Ewrosistema, apparti li fil-komunikazzjoni tieghu, l-BCE kien jindika li se jibqa jzomm mal-politika monetarja tieghu ghal tul ta zmien (Forward Guidance). Dawn il-programmi gew estizi ukoll meta faqqghet il-pandemija bi twaqqif tal-Pandemic Emergency Purchase Programme (PEPP), billi gvernijiet sofrew telf fi d-dhul taghhom u kellhom nefqiet godda biex jindirizzaw l-effetti tal-pandemija. Twaqqfu wkoll Targeted Long-Term Refinancing Operations (TLTROs) b'rati vantaggjuzi hafna sabiex il-banek ikunu jistghu ikunu f'qaghda ahjar jghinu lin-negozji fil-bzonnijiet finanzjarji taghhom.

F'dan iz-zmien il-BCM kien attiv ferm billi implimenta il-politika monetarja tal-BCE u offra dawn il-prodotti lill-banek Maltin, fejn bosta hadu l-opportunita li jibbenefikaw minn dawn il-programmi anki jekk il-banek taghna ma kellhomx htiega ta likwidita. Il-BCM ukoll ippartecipa fix-xiri tal-bonds tal-gvern Malti li wassal biex il-gvern seta jissellef b'rati ferm aktar vantaggjuzi.

Ta min jghid, li r-revizjoni fir-regoli tal-banek wara il-krizi ta l-2008 kellha effetti pozittivi fuq is-settur bankarju u fuq l-ekonomija billi il-banek kienu sahhew il-qaghda finanzjarja taghhom, permezz ta livell aktar gholi ta kapital, u tejbu ukoll il-kwalita ta l-assi taghhom billi in-"non-performing loans" taghhom kienu naqsu sew. Dan ippermetta lill-banek sabiex waqt il-pandemija ghenu lill-gvernijiet u lill-BCE billi, kemm minn jheddhom u anki permezz ta direttiva mill-BCM, wara avviz legali mill-gvern, taw moratorju fuq self li hadu minn ghandhom bosta negozji u individwi. B'hekk kien gie pospost il-piz ta hlas lura tal-klijenti sakemm jghaddu l-effetti tal-pandemija. Apparti dan, il-European Banking Authority, irrilassat ir-regoli taghha billi sakemm jintemm il-perjodu tal-moratorju il-banek ma kellhomx ghalfejn jaghmlu provizzjonijiet, li kien ikollu impatt negattiv sew fuq il-profitti taghhom.

Il-BCM minn dan l-aspett kien ferm attiv, fejn permezz tal-Joint Financial Stability Board, li kien twaqqaf fl-2014, u li huwa kompost minn membri tal-Bank Centrali ta Malta u l-MFSA, ta diversi rakkomandazzjonijiet ta mizuri sabiex waqt il-pandemija il-banek setghu ikomplu ghaddejin bis-servizzi taghhom lill-pubbliku, u jaghtu moratorju lil negozji u individwi li d-dhul taghhom kien effetwat mill-pandemija. Il-BCM, bhala l-awtorita kompetenti ghall-politika makroprudenzjali bil-ghan li tissalvagwardja l-istabilita finanzjarja tal-pajjiz, llaxka wkoll u ppospona certu regoli marbuta ma self fuq xiri ta propjeta sabiex jghinu lil dawk li xtaqu jissellfu biex jixtru propjeta izda kellhom impatt temporanju negattiv fuq id-dhul taghhom.

Naturalment, wara li ghaddiet il-pandemija u bdiet l-invazjoni tar-Russja gewwa l-Ukranja, rajna l-inflazzjoni fil-pajjizi kollha fl-UE, inkluz Malta, tizdied ghal-livelli li konna ilna ma naraw mis-snin 70 meta kienet faqqghet il-krizi mondjali ta z-zejt. Din wasslet lil-BCE biex jzid r-rati ta l-imghax ghal livell gholi u fi zmien qasir hafna sabiex irrazzan id-domanda bil-ghan li din twassal ghal tnaqqis fl-inflazzjoni u jilhaq il-mira tieghu ta 2%. Filwaqt li dan l-ghan intlahaq billi illum l-inflazzjoni fl-Ewrosistema hi madwar 2%, u b'hekk ir-rati ta l-imghax regghu tnaqqsu xi ftit, bi Deposit Facility Rate tinzel ghal 2%, madanakollu din iz-zieda fl-imghaxijiet flimkien ma d-decizjonijiet tal-politika monetarja ta snin ta qabel biex jghinu lil-ekonomija mill-effetti tal-pandemija kellhom riperkussjonijiet fuq il-profitabilita tal-banek centrali tal-Ewrosistema, inkluz dik tal-BCE u anki tal-BCM.

Mis-sena 2022 il-banek centrali fl-Ewrosistema, inkluz il-BCE garrbu telf sostanzjali u uhud minnhom, inkluz il-BCE, spiccaw minghajr ma baqalhom ebda provizjonijiet, li tfisser li kull qliegh li jsir fil-futur irid imur biex jithassar il-telf li ghadhom igorru fil-kotba taghhom. Dan sehh minhabba l-fatt li l-prijorita assoluta tal-BCE u l-banek centrali tal-Ewrosistema, li johrog mill-ligi Ewropeja, hi dik li tinzamm stabilita fl-inflazzjoni lejn it-2%, u mhux li jaghmel il-qliegh. Il-BCM ukoll minhabba il-politika monetarja tal-Ewrosistema fis-snin ta qabel garrab telf fl-2022 u fl-2023, izda grazzi ghad-decizjoniijiet li kien ha l-Bord tal-BCM mill-2013 il-quddiem li jwarrab parti mill-profitti tieghu sabiex jibni provizjonijiet, wassal lill-Bank sabiex ikollu aktar minn bizzejjed provizjonijiet biex jilqa ghal din id-daqqa. Barra minn hekk, f'dawn l-ahhar tliet snin il-Bank ddiversifika aktar l-investiment tieghu u fl-2024 beda jaqta il-frott ta dan meta ghamel qliegh zghir ta €5m meta kwazi il-banek kollha centrali tal-Ewrosistema, inkluz il-BCE, komplew jghamlu telf kbir. Din is-sena il-BCM hu mistenni ikompli jzid sew il-qliegh tieghu.

Apparti d-diversifikazzjoni tal-portafoll ta investimenti, il-BCM ukoll ddecieda li gradwalment jibda jhaddar il-portafoll tieghu billi jidhol fi strumenti finanzjarji li huma ta beneficcju lill-ambjent u s-socjeta. Illum il-Bank ghandu madwar 15% tal-portafoll tieghu f'dawn l-istrumenti.

Tul dawn l-ahhar snin il-BCM investa, u ghadu jinvesti bil-kbir, fi d-digitalizzazzjoni tal-operat tieghu fejn nieda ghall-ewwel darba fl-istorja tieghu Treasury Management System digitali, li qed taghti aktar spazju lill-impjegati f'dan il-qasam biex jiffukaw fuq il-bejgh u x-xiri ta strumenti finanzjarji sabiex itejjbu d-dhul tal-Bank minflok li jqattu hafna mill-hin f'xoghol amministrattiv. Il-Bank ukoll investa bil-bosta f'sistemi elettronici fil-qadi tal-funzjoni tieghu bhala bankier lill-gvern, u minn din is-sena beda joffrilu wkoll mezzi ta pagamenti instantanji li ma jiehdux aktar minn 10 sekondi biex jigu processati. Izda, f'dawn l-ahhar hames snin, il-Bank beda wkoll joffri skema ta clearing ta pagamenti f'ewro li jistghu jippartecipaw fiha banek u istituzzjonijiet finanzjarji licenzjati mill-MFSA. Il-Bank bhalissa qed jesplora kif izid is-servizzi tieghu f'dan ir-rigward billi joffri f'din l-iskema ukoll pagamenti istantanji. Apparti dan, f'dawn l-ahhar snin il-BCM baqa l-istituzzjoni ewlenija f'pajjizna li tipproduci ricerka w analizi ta natura ekonomika u finanzjarja ta livell professjonali gholi hafna li tghin biex issir diskussjoni aktar infurmata dwar diversi materji kurrenti ta natura ekonomika u finanzjarji fil-pajjiz. Kburin, li bhala istituzzjoni illum xi whud minn din ir-ricerka ssib ruha ukoll f'publikazzjonijiet internazzjonali.

Naturalment, it-triq quddiem il-BCM mhiex nieqsa mill-isfidi. Qabel xejn, fis-sena li gejja u naturalment anki dawk ta wara, irridu insahhu aktar il-qaghda finanzjara tal-Bank billi naghmlu

profitti tajbin biex nergghu nibnu il-provizjonijiet ghall-livell li kellna fl-2021 u ntejjbuhom ukoll. Dan hu importanti ghall-Bank sabiex jibqa jsostni l-indipendenza finanzjarja tieghu. Nemmen li l-istaff u l-manigment tal-Bank ghandu l-hiliet necessarji li jaghmel dan u li fi zmien qasir inkunu f'posizzjoni li nistghu nergghu nqassmu dividendi lill-gvern li hu l-azzjonarju tal-Bank. Din qatt m'ghanda tittiehed "for granted" ghaliex mhiex facli f'kuntest ta swieq finanzjarji li qed isiru dejjem aktar fragli u sensittivi hafna lejn ahbarijiet li johorgu ta kuljum madwar dinja globalizzata.

Ghandna quddiemna ukoll sfida kbira ta tekonoligija li qed tizvilluppa b'mod rapidu hafna u li maghha ggib riskji akbar. Illum is-sistemi elettronici li nuzaw saru kumplessi hafna li jirrekjdu aggornament ta sikwit li jimpenja bis-shih l-impjegati tal-Bank biex jizguraw li l-aggornament f'dawn is-sistemi ikun wiehed minghajr skossi. Apparti li dan jirrekjedi investiment finanzjarju kbir, illum ghandna riskji akbar u reali ta attakki cibernetici li jehtieg sorveljanza kontinwa, li minnu nniffsu jirrekjedi investiment finanzjarju sostanzjali.

Se jkollna ukoll l-isfida li noffru sistema ta "clearing" ta pagamenti li tkun efficjenti, sigura, u affidabbli bizzejjed aktar milli hi llum biex tkun attrajenti ghall-banek u istituzzjonijiet finanzjarji serji li jippartecipaw fiha, dan apparti li fis-snin li gejjin jista jkollna ukoll noperaw ewro digitali f'pajjizna, bhal kumplament tal-pajjizi fl-Ewrosistema.

Anki l-analizi ekonomika u finanzjarja li naghmlu hi mistennija tkun aktar impenjattiva u komplikata hekk kif jinbtu u jikbru setturi li mhux facli li wiehed jikseb informazzjoni dwarhom, bhal perezempju investimenti finanzjarji fid-dinja tal-crypto minn cittadini u negozji sabiex inkunu aktar konxji sew tal-attivita ekonomika kif ukoll r-riskji ghall-istabilita finanzjarja f'pajjizna.

F'dinja fejn il-livell ta incertezza qed jibqa elevat u s-swieq finanzjarji huma fragli, johloq sfidi ukoll lill-politika monetarja, partikolarment fejn zviluppi demografici fil-kontinent Ewropew, b'popolazzjoni li qed tixjieh u s-swieq ta x-xoghol ikunu ssikati, jistghu jaffetwaw l-inflazzjoni fil-qasam tas-servizzi. Barra minn hekk, ghadu mhux car x'jistghu jkunu l-effetti fuq l-inflazzjoni ta l-adattazzjoni ghall-uzu tal-intelligenza artificjali (AI). L-isfida tal-klima tibqa wahda maghna ukoll u din jista jkollha implikazzjoni fuq l-inflazzjoni, specjalment fuq il-prezzijiet ta l-ikel. Dawn huma kolla sfidi li jehtieg ricerka u hsieb dwar x'ghandha tkun il-poltika monetarja fi z-zmien li gej.

## 2. X'inhuma il-prijoritajiet tieghek ghal dawn is-snin fil-Bank Centrali?

Naturalment, hafna mix-xoghol tal-Gvernatur hu ffukat fuq il-politika monetarja fl-ewrosistema, u bla dubju il-kontribut tal-Bank Centrali ta Malta f'dan ir-rigward jibqa centrali, u hemmhekk irid ikollna kontribuzzjoni aktar kostruttiva u effettiva, kemm fid-decizjonijiet dwar il-politika monetarja u kif ukoll fuq materji ohra li jikkoncernaw il-Banek Centrali ta l-Ewrosistema.

Fis-snin li gejjin minghajr dubju irridu inhejju ruhna biex inkunu preparati sabiex noffru ukoll lil pubbliku Malti l-ewro digitali. Ghad baqa process fost il-kunsill tal-Ministri u fil-Parlament Ewropew biex tigi approvata il-ligi, izda jidher li sa Mejju li gej il-Parlament Ewropew ikun ha d-decizjoni tieghu. Aktar kmieni din is-sena kont diga tlabt laqa ma l-MEPs Maltin biex nispjegalhom l-iskop u kif se jahdem l-ewro digitali, u kien hemm nofs l-MEPs li setghu jilqaw

din it-talba, li saret f'April li ghadda. Il-hsieb hu li naghmlu kampanja ta informazzjoni lill-pubbliku wara li jintemm il-process legislattiv sabiex nispjegaw aktar l-utilita ta l-Ewro Digitali ghac-cittadini, in-negozji, il-banek, u anki ghall-Ewropa innifisha. Izda apparti l-ewro digitali, il-hsieb tieghi hu li nsahhu ukoll is-sistema ta "settlement" ta pagamenti elettronici li qed noffru fl-iskema li ghandna imsejjha MTEUROPAY lill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji, fosthom li noffrulhom pagamenti istanti.

Il-hsieb tieghi hu ukoll li fil-qasam tal-pagamenti, il-BCM joffri sistema li tghaqqad il-banek lokali flimkien billi meta jkun hemm persuna li trid taghmel xi pagament b'mod eletroniku lil persuna jew negozju li mhumiex klijenti tal-istess Bank li jaghtih is-servizzi, ikun jista jaghmel dan b'aktar facilita billi juza biss in-numru tal-mobile (mobile phone proxy look-up) minflok li jikteb in-numru ta l-IBAN.

Irridu inkomplu it-triq li bdejna ftit snin ilu li nibnu portafoll ta investiment li jirrespetta aktar l-ambjent. Illum diga ghandna madwar 15% tal-portafoll taghna f'dawn it-tip ta strumenti u ghalhekk ghad baqa xi jsir f'dan ir-rigward. Naturalment dan irid isir ukoll minghajr ma kemm jista jkun nikkompromettu d-dhul tal-Bank sabiex inkunu f'qaghda ahjar biex niffinanzjaw l-operat taghna u ntejjbu aktar il-profitabilita ta din l-istituzzjoni

Fil-qasam ta r-ricerka, il-hsieb hu li jsir xoghol biex nespandu il-mudell makroekonomiku sabiex jinkludi fih l-effetti ambjentali, specjalment dawk ta t-tibdil fil-klima fuq l-ekonomija. Illum l-ekonomiji qed jiffaccjaw riskji akbar ta xokkijiet li jistghu jigu minn avvenimenti marbuta ma t-tibdil fil-klima li jkollu effett fuq l-attivita ekonomika fil-pajjiz, u ghalhekk hemm bzonn li dawn l-effetti jigu kwantifikati sabiex nistudjaw liema huma l-ahjar policies biex nimmitigaw dawn l-effetti. Izda irridu nespandu aktar l-uzu ta dejta micro fl-analizi li naghmlu u nuzaw teknologiji aktar avanzati fir-ricerka sabiex inkunu f'qaghda ahjar li naghtu analizi aktar robusta u li twassal ghal tfassil ahjar tal-politika ekonomika u l-politika makro-prudenzjali fis-settur bankarju u istituzzjonijiet ohra finanzjarji.

Irridu ukoll nahdmu aktar biex il-poplu Malti jkun aktar litterat dwar il-finanzi personali tieghu. Hemm bzonn ta aktar taghrif dwar il-kultura ta t-tifdil, dwar il-prodotti li hemm fis-suq ta t-tifdil u r-riskji, u aktar edukazzjoni biex jevitaw il-frodi. Dan jista jghinhom specjalment meta jigu biex jahsbu ghal meta jigi z-zmien biex jirtiraw mix-xoghol, izda ukoll jghin l-ekonomija biex il-flus ta tifdil imur f'investimenti li jrendu lill-ekonomija kif wkoll lil min faddal. Din hi xi haga li rridu bhala pajjiz nigbru flimkien r-rizorsi li ghandu l-Bank, l-MFSA, u l-ufficcju ta l-arbitru ghas-servizzi finanzjarji, sabiex flimkien nilhqu aktar is-socjeta Maltija. Jezistu fondi Ewropej ghal dan il-ghan, li b'ko-ordinazzjoni flimkien nistghhu naccessaw.

Mill-previzjonijiet ekonomici li ghandna, jidher li se tibqa maghna fi snin li gejjin l-isfida li nzommu it-talent li ghandna gewwa il-Bank u li nattiraw ukoll talent gdid billi il-pajjiz ghadu joffri bosta opportunitajiet ta impjiegi b'hiliet li ghandhom bosta mill-impjegati tal-Bank. Ghalhekk, ghal dan il-ghan irridu inzommu l-istituzzjoni taghna kompettitiva u inzidu il-produttivita tal-haddiem billi ninvestu aktar fit-teknologija, kif ghamilna f'dawn l-ahhar snin, izda il-quddiem irridu inharrgu lill-haddiema tal-Bank biex jaddataw ghall-uzu ta l-Intelligenza Artificjali (AI) fi x-xoghol taghhom biex itejjbu il-produttivita u wkoll jehilsu minn xoghol repettitiv li jiehu il-hin. Dan sabiex inkunu f'qaghda ahjar li ntejjbu kemm dak li nipproducu kif ukoll il-kundizzjonijiet ta x-xoghol taghhom.

3. **L-ekonomija Maltija kibret b'rata sostanzjali fl-ahhar snin u ferm akbar minn dik ta pajjizi ohra Ewropej. X'kienu r-ragunijiet wara dan u kif tara il-prospetti ekonomici ghaz-zmien li gej?**

Fl-ahhar 10 snin l-ekonomija Maltija kibret b'medja ta 6.8% fis-sena filwaqt li z-Zona Ewro (ZE) kibret b'1.5%, li jfisser li f'dawn l-ahhar 10 snin l-ekonomija Maltija kellha tkabbir ta erba darbiet u nofs dik ta z-ZE. Dan it-tkabbir kien ukoll aktar mid-doppju li registrat Malta fl-ewwel 10 snin mis-shubija fl-UE.

Hemm diversi fatturi li wasslu ghal dan it-tkabbir ekonomiku qawwi fl-ahhar 10 snin. L-ewwel pass importanti kien l-investiment fil-generazzjoni ta l-energija bil-qalba ghal impjant li jahdem bil-gass flimkien ma l-interconnector. Dawn wasslu biex tejjbu l-efficjenza fil-produzzjoni tal-energija li ppermettew tnaqqis sinjifikanti fil-prezz tal-energija lill-konsumatur, sew ghall-familji kif ukoll ghan-negozji. Dan il-pass kien importanti ghaliex wassal ghal zieda fil-fiducja tan-negozji biex jinvestu sabiex ikabbru l-attivita taghhom billi bi prezz orhos fl-energija, flimkien b'tassazzjoni baxxa, ziedu l-kompetittivita taghhom. Dan l-investiment fil-produzzjoni tal-energija li rrizulta f'kontijiet orhos ukoll wassal ghal zieda fil-fiducja tal-familji Maltin u Ghawdxin bhala konsumaturi sabiex ikollhom il-kunfidenza li jonfqu aktar u b'hekk inghatat nifs gdid lill-ekonomija.

Izda f'dawn is-snin sehhew ukoll diversi riformi krucjali innovattivi. Iz-zieda fl-investiment privat wassal ghal domanda akbar ghall-haddiema fis-suq ta x-xoghol. Hawnhekk, riforma krucjali kienet dik ta childcare b'xejn. Meta Malta ssiehbet fl-UE, Malta kienet fost l-aktar pajjizi b'partecipazzjoni mill-aktar baxxa ta n-nisa fis-suq ta x-xoghol. Flimkien ma r-riforma tac-childcare b'xejn ghal dawk in-nisa li jidhlu fis-suq ta x-xoghol, l-introduzzjoni ta t-tapering fil-beneficcji socjali, kif ukoll l-introduzzjoni ta top-up fil-pensjoni ghal dawk li jaghzlu li jkomplu jahdmu wara l-eta ta 61 sena wassal biex dawn il-mizuri wahedhom ziedu ma l-20,000 haddiem u illum Malta ghandha fost l-ghola partecipazzjoni tan-nisa fis-suq ta x-xoghol fl-UE.

Is-success tal-ekonomija Maltija ma waqafx biss ma z-zieda fl-impjiegi, izda ukoll zdiedet il-kwalita tal-impjiegi partikolarment ghall-haddiema Maltin u Ghawdxin. Dan ghaliex il-livell ta' edukazzjoni f'pajjiżna żdied ħafna u laħaq dak fl-Ewropa. Kellna tnaqqis qawwi fl-early school leavers u żieda qawwija fl-ammont ta' gradwati. Tant hu hekk li 8 minn kull 10 taż-żieda fl-impjiegi kienet f'karigi manigerjali, professjonali u tekniċi.

Fil-fatt l-istatistika tal-Eurostat turi li fl-ewwel 10 snin ta shubija fl-UE, id-dhul tal-haddiema ras ghal ras zdied b'45.3% filwaqt li l-inflazzjoni kienet ta 24%, li jfisser zieda fid-dhul f'termini reali ta madwar 21.3%. Fl-ahhar 10 snin id-dhul tal-haddiema ras ghal ras zdied b'56.6% filwaqt li l-inflazzjoni baqghet fl-istess ilma ta 24.4%, li jfisser zieda f'termini reali ta 32.2%, jew zieda ta madwar darba u nofs aktar mill-ghaxar snin ta qabel f'termini reali.

Ghalkemm il-prezz tal-propjeta f'Malta zdied sew, madanakollu, skond statistika tal-Eurostat, il-prezz tal-propjeta meta mqabbel ma d-dhul tal-familji juri li filwaqt li bejn l-2005 u l-2008 kien zdied b'39%, li jfisser li l-propjeta kienet saret anqas affordabbli, minn wara l-2008 dan l-indikatur qabad it-triq l-isfel biex sa l-2024 nizel ghal anqas milli kien fl-2005.

Il-qasam finanzjarju kien sors iehor ta' stabbilta li ppermetta l-ekonomija tikber b'ritmu b'sahhtu. Il-prudenza li mxew biha il-banek evitaw li jidhlu f'inkwiet fi zmien il-krizi ta l-

2008, u komplew ikunu profitabbli. Mentri f'pajjiżi oħra kien hemm għafsa fuq il-familji u negozji minħabba bidliet fir-rati ta' mgħax, f'Malta kellna stabbilta fir-rati ta l-imghax fuq self tul dawn l-ahhar 15 il-sena, li ghenu kemm lin-negozji biex jinvestu u lill-familji biex jixtru propjeta b'rata ta l-imghax fuq self li llum hi ferm anqas minn kif kienet qabel l-2008.

Bhala pajjiz konna attivi ħafna biex illegizlajna fejn zviluppaw opportunitajiet ekonomici godda li jrendu aktar minn oqsma tradizjonali. Mill-gaming u e-sport, għall-avjazzjoni, għall-farmacewtika generika, għall-blockchain, u għall-AI. Malta dejjem kienet fuq ta' quddiem biex tohloq qafas legislattiv efficjenti li tattira investiment barrani f'oqsma godda li holqu domanda akbar ghall-impjiegi.

F'pajjiżna l-Gvern adotta politika ta' stabilizzazzjoni tal-attivita ekonomika. Dan hekk kif meta l-ekonomija bdiet tissahhah u tikber sew, u l-finanzi pubblici bdew jiggeneraw surplus u d-dejn bhala persentagg tal-Prodott Gross Domestiku qabad jinzel ghal madwar 40%, il-gvern beda jfaddal certu dhul fl-NDSF waqt dan iz-żmien, biex imbagħad nefaq kemm kien hemm bżonn meta il-pajjiz affaċja xokkijiet qawwija, bhal dik tal-pandemija, ghaliex kellu l-ispazju fiskali necessarju biex jaghmel dan.

Fl-aħħarnett ma nisghux ninsew ukoll il-benefiċċji li tatna l-isħubija fl-Unjoni Ewropea u fiz-zona ewro. Il-beneficcji ma kienux biss il-fondi li rcevejna li permezz taghhom stajna naghmlu certu investimenti, izda aktar importanti minn hekk kien l-access bla xkiel għall-akbar suq fid-dinja, u sfruttajna sewwa din l-opportunita, kif ukoll li bl-adozzjoni ta l-ewro illum ghandna munita internazzjonali li tohloq aktar kunfidenza fl-investituri li jixtiequ joholqu opportunitajiet ta negozju f'pajjizna.

Ghalkemm it-tbassir ekonomiku ghal Malta ta diversi istituzzjonijiet, bhall-FMI, il-Kumissjoni Ewropeja u anki tal-Bank Centrali nniffsu, ghas-sentejn li gejjin huma pozittivi, anki jekk qed nistennew tkabbir ekonomiku anqas mill-passat recenti, madanakollu xorta huwa mistenni li jisboq sew dak tal-UE. Naturalment, bhala pajjiz ma nistghux nieqfu fil-hidma taghna biex ikollna ekonomija b'sahhitha. Il-pajjiz irid izomm il-pass fil-kompetitivita tieghu mhux biss f'terminu ta prezz tal-prodotti u servizzi li joffri ghall-bejgh, izda jrid ukoll jizgura li jkollu il-hila li jipproduci prodotti u servizzi li jkun hemm domanda ghalihom fil-futur. Ghaldaqstant, il-pajjiz jehtieg li jkompli jizgura li c-cittadini tieghu mhux biss ikollhom l-incentivi biex jibqghu fid-dinja ta x-xoghol aktar fit-tul, izda ukoll li jkollom l-opportunitajiet li jaggornaw il-hiliet taghhom sabiex jibqghu relevanti fis-suq ta x-xoghol f'dinja fejn l-izvillupp teknologiku ghaddejj b'ritmu qawwi hafna.

Fid-dawl tal-izviluppi demografici fejn, bhal pajjizi zviluppati ohra, qed ikollna numru akbar ta anzjani u anqas twelid ta tfal, biex isostni it-tkabbir ekonomiku tieghu u l-gid ta c-cittadini ta dan il-pajjiz, pajjizna irid b'mod gradwali jiffoka aktar fuq tkabbir ekonomiku li jistrieh anqas fuq in-numru ta impjiegi izda aktar fuq attivitajiet li jehtiegu investiment fit-teknologija u d-digitalizzazzjoni li jwasslu ghal produttivita ferm akbar. L-istruttura ta l-ekonomija ma tinbidilix mill-llum ghal ghada izda tevolvi b'mod gradwali, ghalkemm l-izviluppi mghaggla fit-tekonologija qed iwassal biex jithaffef dejjem aktar dan il-pass. Nahseb li l-ispirtu tal-Vizjoni 2050 jirrefletti dan, izda il-vizjoni fl-ahhar mill-ahhar, u fuq kollox, tehtieg l-implimentazzjoni. Irridu naccettaw li din il-bidla tehtieg ukoll li naccettaw li rridu nibdlu l-mod kif nahdmu u nghixu, li hafna drabi dawn il-bidliet isehhu kemm b'incentivi izda ukoll b'dizincentivi milli nibqghu inhaddnu certu prattici. F'ekonomiji moderni, inkluz f'Malta, il-prezz dejjem joffri sinjal b'sahhtu lic-cittadini u n-negozji biex jadattaw ghal realtajiet godda,

u nahseb dan se jkun aktar mehtieg fil-futur, specjalment fid-dawl ta regoli fiskali Ewropej li qed ikunu aktar restrittivi fuq l-infieq tal-gvern biex jaghmel l-investimenti necessarji hu fejn ma jasalx is-settur privat.

**4. Tista taghti rendikont ta kif zviluppat r-rata ta l-inflazzjoni f'Malta fl-ahhar snin, specjalment fl-ahhar sena u kif tqabbel dan ma dik fiz-zona ewro?**

Biex wiehed jaghmel paragun validu bejn Malta u z-zona ewro fir-rigward ta l-inflazzjoni, jigifieri iz-zieda fil-prezzijiet, wiehed irid juza il-kejl tal-Harmonised Index for Consumer Prices (HICP). Dan hu kemmxejn differenti mill-kejl ta r-Retail Price Index (RPI) li f'Malta imdorrijin nuzaw sabiex jigi mkejjel l-aggustament fil-pagi li jithabbar kull sena fil-Budget bhala kumpens lil-haddiema u penzjonanti ghall-gholi tal-hajja (COLA). Filwaqt li l-RPI ikejjel il-prezzijiet tal-oggetti u servizzi li jikkunsmaw dawk li huma residenti f'pajjizna, l-HICP jinkludi fih ukoll ic-caqlieq fil-prezzijiet ta dawk l-oggetti u servizzi li jikkunsmaw it-turisti li jigu jzuru l-pajjiz. Din id-distinzjoni hi importanti ghaliex is-settur ta t-turizmu f'Malta hu relattivament akbar minn dak f'pajjizi Ewropej ohra, li jfisser li l-prezzijiet ta prodotti li jigu l-aktar kkunsmati mit-turisti, bhal titjieriet bl-ajru, akkomodazzjoni fil-lukandi, u konsum f'ristoranti, ghandhom piz akbar fil kaz ta Malta (17.2% fl-2025) mill-medja ta z-zona ewro (ZE)(12.2% fl-2025). Ghalhekk, jekk ikun hemm divergenzi fi zieda fil-prezzijiet ta dawn il-prodotti u servizzi bejn Malta u z-ZE, dan jista joholoq divergenza fl-inflazzjoni globali bejn Malta u z-ZE.

Storikament, skond l-HICP kif ippubblikat mill-Eurostat, l-inflazzjoni f'Malta fl-24 sena mill-1997, minn meta Malta giet registrata l-ewwel sena tal-kejl tal-HICP, sa s-sena 2020, meta giet il-pandemija, kienet madwar 0.5% aktar minn dik ta z-ZE. Biss wiehed jista jinnota li din id-differenza kienet akbar fl-ewwel 16 il-sena (0.7%), u naqset fl-ahhar terz ta dan il-perjodu ta 24 sena (mill-2013 sa l-2020) ghal madwar 0.3%.

Hemm diversi fatturi ghal din id-differenza fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE, partikolarment fl-ewwel sittax il-sena ta dan il-perjodu. Wahda mir-ragunijiet kienet l-ispiza marbuta mal-generazzjoni tal-energija f'pajjizna li kienet wahda bbazata fuq teknologija aktar inefficjenti dak iz-zmien, u li holqot zidiet fil-prezz tal-energija f'Malta aktar minn dik fi z-zona ewro. Fil-fatt, skond il-Eurostat, l-inflazjoni f'Malta, meta tigi eskluza dik ta l-energija, kienet ftit anqas minn 0.4% ghola minn dik ta z-ZE, biex bhekk il-prezz ta l-energija jispjega prattikament nofs id-differenza ta 0.7% ta l-inflazzjoni meta wiehed jinkludi l-energija.

Naturalment, apparti l-fattur ta l-energija, kien hemm fatturi ohra, ewlinin fosthom nuqqas ta kompetizzjoni interna fil-pajjiz u spejjez akbar relata ma trasport ta merkanzija komparat ma z-ZE. Minkejja t-tkabbir ekonomiku qawwi li esperjenzat Malta, kemm storikament kif ukoll meta mqabbel ma z-ZE, id-differenza fir-rata ta l-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE bejn l-2013 u l-2020 nizlet ghal 0.3%. Din id-differenza naqset l-aktar minhabba iz-zieda fl-efficjenza fil-produzzjoni tal-energija mal-qalba ghall-uzu tal-gass u permezz ta l-uzu ta l-interconnector. Fil-fatt, bejn l-2013 u l-2020, id-differenza fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE sew jekk wiehed jinkludi jew jeskludi l-energija kienet xorta ta 0.3%. Izda matul dan il-perjodu rajna ukoll zieda fil-kompetizzjoni bl-avvent ta x-xiri minn fuq l-internet li fetah orizzonti godda, partikolarment ghal-konsumatur Malti, kemm f'dak li ghandu x'jaqsam importazzjoni ta oggetti, izda anki servizzi, bhal fis-safar ghal vaganzi.

Probabilment, id-dħul ta' Malta fl-unjoni monetarja Ewropeja bl-adozzjoni tal-ewro kien ukoll kontributur ghat-tnaqqis fid-differenza fl-inflazzjoni billi dan naqqas il-possibilita ta' xokkijiet fir-rati tal-kambju, specjalment ma dawk il-pajjizi Ewropej li juzaw l-ewro u li nimpurtaw minn ghandhom.

Fil-perjodu ta wara il-COVID, jigifieri bejn l-2021 u l-2024, l-inflazzjoni f'Malta kienet medja ta 1% anqas minn dik ta z-ZE, fejn Malta kellha inflazzjoni medja annwali ta 3.7%, filwaqt li fiz-ZE kienet 4.7%. Din id-differenza kienet interament dovuta ghall-politika tal-gvern li ffriza il-prezzijiet tal-energija f'dawk is-snin meta il-prezz tal-energija, specjalment fil-bidu tas-sena 2022 kien sploda il-fuq minhabba l-invazjoni ta r-Russja fl-Ukranja. Fil-fatt, skond il-Eurostat, l-inflazzjoni eskluza dik ta l-energija, f'Malta u z-ZE f'dawn l-erba snin li ghaddew kienet ta 4% ghat-tnejn. Izda dan juri ukoll li fejn qabel l-inflazzjoni f'Malta, anki meta tigi eskluza l-energija, kienet tkun madwar 0.3% aktar gholja minn dik taz-ZE, f'dawn l-erba snin prattikament ma kienex hemm differenza. Dan probabilment kien dovut ghall-fatt li billi l-prezzijiet tal-energija f'Malta baqghu stabbli, dan ma affettwax il-prezzijiet ta s-servizzi, kontra dak li gara fiz-ZE.

Jekk wiehed ihares lejn l-inflazzjoni tul dawn il-hdax il-xahar ta l-2025, insibu li l-inflazzjoni f'Malta kienet ta 2.4%, ezatt daqs il-medja bejn minn mindu bdiet tinzamm l-istatistika ta l-HICP fl-1997 sa l-2024, jigifieri daqs il-medja ta dawn l-ahhar 28 sena. Fil-kaz ta z-ZE, din kienet 2.1% li hi ukoll ezatt daqs il-medja ghal dan ir-regjun ta dawn l-ahhar 28 sena. Ghalhekk, id-differenza fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE hi ta 0.3% li hi fil-medja ta d-differenza bejn l-2013 u l-2020 u anqas minn-nofs dik ta bejn l-1997 u l-2012.

Izda wiehed jista jistaqsi ghaliex id-differenza fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE regghet telghet ghal 0.3% meta fl-erba snin ta qabel kienet kwazi zero? Hawnhekk insibu li din id-differenza ta 0.3% fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE tibqa evidenti sew jekk wiehed jinkludi jew jeskludi il-prodotti tal-energija li jfisser li l-prezzijiet tal-energija ma kienux fattur ghal din id-differenza. Jidher car li Malta kellha inflazzjoni aktar ghola minn dik taz-ZE matul l-ewwel hadx il-xahar tal-2025 minhabba zieda qawwija fil-biljetti ta t-trasport bl-ajru, li jirrefletti z-zieda qawwija fit-turizmu f'Malta, izda ukoll l-inflazzjoni fl-ikel kienet ftit aktar gholja minn dik fiz-ZE li tirrefletti ukoll zieda fid-domanda minhabba z-zieda fin-numra ta nies jahdmu f'Malta kif ukoll fit-turizmu. Izda ta min wiehed josserva ukoll li filwaqt li z-ZE esperjenzat tnaqqis fl-inflazzjoni bejn l-ewwel kwart u l-perjodu April sa Novembru ta din is-sena, Malta kellha zieda fil-prezzijiet, li kien gej mill-lukandi u ristoranti, li tindika li din id-differenza fl-inflazzjoni bejn Malta u z-ZE matul l-2025 hi l-aktar dovuta ghaz-zieda fid-domanda fl-industrija ta t-turizmu fejn minkejja li pajjizna fl-2023 kien diga qabez in-numru ta turisti li gew fis-sena ta qabel il-COVID, fl-ewwel ghaxar xhur tal-2025 id-dhul mit-turizmu baqa jikber b'madwar 19% u n-numru ta turisti sa tmiem din is-sena mistenni jaqbez l-4 miljun persuna, li hu aktar mid-doppju ta l-2016. Sakemm Malta jibqa jirnexxielha zzomm il-volumi ta turisti u dawn ihallsu prezz ghola tal-vaganza taghhom, dan huwa ta gwadann ghal Malta, izda huwa importanti li pajjizna jibqa ukoll kompetittiv f'dan is-settur.

**Mistoqsijiet magħmula mill-Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni**

**1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' pajjiżna?**

Ir-rwol tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta Malta essenzjalment hu maqsum fi tnejn.

Funzjoni ewlenija tiegħu hija dik li ġġib magħha il-kariga ta membru fuq il-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Din il-funzjoni tiffoka primarjament fuq il-politika monetarja fl-ewrosistema, fejn il-Gvernatur fil-kapaċita tiegħu personali għandu vot daqs kull membru ieħor tal-Kunsill f'dawn id-deċizjonijiet. Apparti il-politika monetarja, il-Kunsill Governattiv jiltaqa regolarment biex jiddiskuti materji oħra li jikkonċernaw l-operat tal-banek ċentrali fl-ewrosistema, speċjalment tal-BĊE. Id-diskussjonijiet ivarjaw mid-diżinn tal-karti tal flus ta l-ewro, għat-tfassil ta l-ewro diġitali, il-budget tal-BĊE, l-implimentazzjoni tal-politika monetarja, u ukoll materja dwar id-diġitalizzazzjoni ta diversi oqsma ta l-operat, fosthom l-istatisika, kif ukoll diskussjonijiet dwar l-istabilita finanzjarja fl-ewrosistema, fost temi oħra.

Izda apparti dan, il-kariga ta Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta Malta hi ukoll effettivament waħda ta CEO tal-Bank. Għaldaqstant, il-Gvernatur ilaqqa ġeneralment darba kull xahar, jew aktar skond il-ħtieġa, il-Bord ta d-Diretturi tal-Bank sabiex jittieħdu deċizjonijiet dwar l-operat tal-Bank, fosthom ta procurement, reklutaġġ, ħatriet, monitoraġġ tal-qagħda finanzjarja tal-Bank, u kull aspett ieħor li jista jolqot lill-Bank. Barra minn hekk, kull xahar, il-Gvernatur ilaqqa l-"Investments Policy Committee" sabiex il-kumitat jiddiskuti ir-riżultati miksuba fi x-xahar ta qabel fil-portafoll tal-investimenti tiegħu, u ukoll jiddiskutu l-istrateġija ta d-dipartiment li jimmaniġġa l-assi finanzjarji li għandu l-Bank għax-xahar li jkun ġej.

Funzjoni oħra importanti tal-Gvernatur hi dik li huwa ċ-Chairperson tal-"Joint Financial Stability Board", kompost mill-Gvernatur u z-żewġ Deputati Gvernaturi tal-Bank, u ċ-Chairperson u CEO ta l-MFSA. F'dan il-kumitat jiġu diskussi materja li jikkonċernaw il-banek lokali u istituzzjonijiet finanzjarji bl-iskop li jiġu diskussi w maqbula rakkomandazzjonijiet ta policies micro prudenzjali, fejn l-MFSA hi l-awtorita kompetenti, u dawk macro-prudenzjali fejn il-Bank Ċentrali huwa l-awtorita kompetenti. Apparti dan, il-Gvernatur preżentement, jirrapreżenta lil Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), fejn kull sena jipparteċipa fil-laqa Annwali u dik tal-ħarifa tal-FMI kif ukoll fil-laqat tal-kostitwenza li tinsab fiha Malta fl-FMI u l-Bank Dinji. Il-Gvernatur tal-Bank huwa ukoll membru ta National Co-ordinating Committee tal-Gvern li hu inkarigat li jiġi ppreparat in-National Risk Assessment ta pajjiżna, kif ukoll huwa membru tal-MCESD.

**2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' pajjiżna?**

Ara tweġiba għall-mistoqsija Numru 2 magħmula minn n-naħa tal-Gvern.

**3. Xi sfidi tara li għandu l-Bank Ċentrali?**

Ara tweġiba għall-mistoqsija Numru 1 magħmula minn n-naħa tal-Gvern.

## 4. X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbiet tal-Bank Centrali matul il-ħames snin li ġejjin?

F'mistoqsija Nru 2 elenkajt il-prijoritajiet li ghandu jkollu fil-fehma tieghi il-Bank. Naturalment, jekk kemm il-darba il-parlament Ewropew japprova il-legislazzjoni ta l-ewro digitali, l-implimentazzjoni tieghu, li probabilment jiehu sa l-2029 biex jigi introdott, ikun kisba importanti hafna ghac-cittadini Maltin u Ghawdxin flimkien ma c-cittadini tal-pajjizi l-ohra membri ta l-Ewrosistema. Indipendentement mill-ewro digitali, qabel ma dan jidhol fis-sehh jekk il-Parlament Ewropew japprova, irridu ukoll insahhu s-sistema lokali tal-pagamenti billi naghmlu ghal darbohra sforz kollettiv akbar flimkien mal-banek biex ikollna operaturi li joffru servizzi ta pagamenti interoperabbli bejniethom b'aktar efficjenza li jibbenefikaw kemm il-banek infushom, kif ukoll l-konsumatur.

Kisba ohra li jrid jimmira ghaliha il-Bank Centrali hi dik li wara f'dawn l-ahhar tliet snin il-Bank ma kienx f'qaghda li jaghti dividendi lill-gvern bhala shareholder tal-Bank, fis-snin li gejjin irridu nimmiraw ghal profitabilita li mhux biss twassalna biex nergghu nibnu il-provizjonijiet u r-riservi li kellna fl-2021, izda ukoll intejjbuhom kif ukoll ikollna bizzejjed qliegh biex inkunu f'qaghda li nqassmu divideni xierqa lis-shareholder.

Ma jistax jonqos ukoll li ghal BCM, iz-zamma tal-istabilita fis-settur finanzjarju tibqa prijorita li fil-prattika jfisser li niehdu dawk il-mizuri makro-prudenzjali necessarji li fil-fehma taghna huma mehtiega biex nassiguraw dan. Ahna lill-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji rriduhom jaghmlu qliegh xieraq, izda dan is-settur mhuwiex xi negozju bhall-ohrajn ghaliex dawn l-istituzzjonijiet qed jigu fdati bi tifdil tal-familji Maltin u Ghawdxin kif ukoll dawk tan-negozji. Ghalhekk irridu nibqghu vigilanti u niehdu l-mizuri li hemm bzonn biex nissalvagwardjaw is-sistema bankarja biex tibqa trendi bhala negozju u fl-istess waqt nipprotegu lid-depozitaturi billi nizguraw li l-banek ikollhom kapital adegwat, likwidita, u assi ta kwalita tajba.

## 5. Kif tiddeskrivi l-qagħda finanzjarja f'pajjizna?

Il-qaghda finanzjarja tal-gvern ghamlet progress tajjeb tul dawn l-ahhar 10 snin. Fl-2013, il-gvern kellu dejn ta 65% tal-PGD, izda sa l-2019 kien nizel ghal ftit anqas minn 40% tal-PGD. Dan kien zvilupp importanti hafna ghal pajjizna ghaliex meta giet il-pandemija fl-2020, il-gvern kien lahaq bena spazju fiskali bizzejjed kbir biex mhux biss jilqa ghall-effetti tal-pandemija u jonfoq aktar sabiex jibqghu ghaddejjin kemm in-negozji u l-familji, bid-dejn jitla ghal 50% tal-PGD fl-2022, izda wara din is-sena id-dejn tal-gvern rega beda niezel, u fl-2024 skond il-Eurostat kien ta 46.2% tal-PGD. Ghalhekk, filwaqt li Malta bejn l-2013 u l-2024 naqqset d-dejn taghha minn 65% tal-PGD ghal 46.2%, tnaqqis ta 18.8% tal-PGD, d-dejn fl-UE naqas biss b'6.1% tal-PGD ghal 80.7% filwaqt li dak ta z-zona ewro naqas b'5.7% ghal 87.1%, li hu kwazi id-doppju dak ta Malta.

Wara li Malta kellha deficit kbir waqt il-pandemija, bhal xi pajjizi ohra madwar id-dinja, wara l-2020 id-deficit beda niezel u fl-2024 nizel ghal 3.5% tal-PGD. Dan hu mistenni jkompli jonqos ghal 3.3% din is-sena u il-pjan tal-gvern hu li jkompli jnaqqsu taht it-3% mis-sena d-diehla u jkompli jinzel b'mod gradwali fi s-snin li gejjin. Hu importanti li pajjizna jibqa jikkonsolida il-finanzi tieghu ghaliex irid ikollu l-ispazju fiskali bizzejjed sabiex ikun jista jilqa ghal xi xokk iehor li jista jhabbat wiccu mieghu pajjizna fil-futur u d-dejn ta pajjizna jibqa taht is-60% tal-PGD.

Bhala nefqa kapitali, f'dawn l-ahhar 10 snin il-gvern nefaq b'madwar 3.3% tal-PGD, daqs il-medja fl-UE u ftit aktar miz-zona ewro ta 3.1%, kif ukoll ftit aktar milli nefqet Malta fl-10 snin ta qabel (3.2% ghal 2005-2014). Madanakollu, bir-regoli il-godda tal-Excessive Deficit Procedure, Malta tehtieg trazzan aktar in-nefqa taghha billi iz-zieda qawwija tas-sena l-ohra, parti minhabba zidiet fil-ftehim kollettiv u anki infieq fuq il-linja nazzjonali ta l-ajru, wassal biex iz-zieda fin-nefqa kumulattiva hi akbar minn dak stabilit mill-Kummissjoni Ewropeja. Ghalhekk, filwaq li hu importanti li d-deficit ikompli jonqos, ghaz-zmien li gej trid ukoll titrazzan in-nefqa, anki jekk Malta se tkun f'posizzjoni fejn d-deficit ikun anqas minn 3% tal-PGD u d-dejn huwa anqas minn 60% tal-PGD, kif mitlub mir-regoli tal-UE. Fil-fatt, sena ilu waqt l-indirizz li ghamilt bhala agent gvernatur fl-ikla annwali tal-Istitut tal-Bankiera kont rrimarkajt li l-gvern seta jkun ftit aktar ambizzjuz fi t-tnaqqis ta d-deficit billi jrazzan aktar in-nefqa meta l-ekonomija ghada qed tikber b'mod b'sahhtu. Bir-regoli fiskali Ewropej godda, ma ghadux bizzejjed li gvernijiet izidu d-dhul billi ikunu aktar efficjenti fil-gbir ta t-taxxi u jnaqqsu id-deficit ghal taht 3% tal-PGD, izda jehtieg ukoll li in-nefqa relevanti ma tikbirx aktar milli tikber l-ekonomija.

**6. X'taħseb li kienu n-nuqqasijiet fejn jidħol il-Bank Centrali matul l-aħħar għaxar snin f'pajjiżna?**

Fl-ahhar ghaxar snin kien hemm biss zewg impjegati li fethu ilment ma l-Ombudsman izda fiz-zewg kazijiet l-Ombudsman iddecieda li l-Bank ma kellu ebda nuqqas. Il-Bank ukoll kellu kaz mal-Union fit-tribunal industrijali izda recentement il-Union irtirat il-kaz taghha, filwaqt li baqa kaz relatat pendenti. F'dawn l-ahhar ghaxar snin il-Bank ma kellu ebda kaz gdid legali fil-qorti fuq xi nuqqas li seta wettaq. Sadanittant, fir-rigward ta ghoti ta tenders, il-Bank kellu erba kazijiet ta appell quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB), fejn wiehed mill-kazijiet inghalaq u bhala rizultat il-Bank estenda id-"deadline" ta t-tender, appell iehor gie dikjarat invalidu mill-PCRB, it-tielet appell gie irtirat mill-appellant, u l-ahhar kaz ghadu miftuh, fejn l-appellant qed jikkontendi li operatur iehor ghandu jigi skwalifikat mit-tender ghaliex wasal dsatax il-minuta tard fuq il-post mill-hin stabilit biex jaraw is-sit fejn irid isir ix-xoghol.

**7. X'tahseb li kienu l-kisbiet ewlenin f'dawn l-ahhar għaxar snin f'pajjizna?**

Nahseb l-akbar kisba ta pajjizna f'dawn l-ahhar 10 snin kien il-holqien ta x-xoghol, fejn r-rata tal-impjiegi f'pajjizna skond il-Eurostat kibret minn 67.9% fl-2014 ghal 83% fl-2024. Iz-zieda fir-rata tal-impjiegi f'Malta dawn l-ahhar 10 snin ta 15.1% kienet kwazi id-doppju ta l-UE, u Malta kellha l-aqwa titjib wara il-Grecja (16.2%) ghalkemm ir-rata ta impjiegi fil-Grecja ghada baxxa ta 69.3% u taht il-medja tal-UE. Dan it-titjieb fir-rata ta l-impjiegi fisser li filwaqt li fl-2014 Malta kienet fil-15 il-post fost il-pajjizi ta l-UE bl-ghola rata ta impjiegi, fl-2024 Malta telghet fit-tieni post wara l-Olanda li ghandha 0.5% biss aktar minn Malta. Dan it-titjieb fl-impjiegi kien l-aktar rifless fil-partecipazzjoni fis-suq ta x-xoghol ta nisa. Fl-2014 kien hemm 4 pajjizi biss tal-UE li kellhom rata ta impjiegi ta n-nisa anqas minn ta Malta, izda fl-2024 kien hemm biss 5 pajjizi li kellhom rata ta impjiegi ta n-nisa aktar gholja minn Malta.

Dan it-tkabbir fir-rata tal-impjiegi kien rifless ukoll f'titjieb fid-dhul tal-haddiema ras ghal ras. Skond il-Eurostat, fl-2014, id-dhul tal-haddiema ras ghal ras f'Malta kien kwazi 72.8% ta d-

dhul medju tal-haddiema tal-UE, u fl-2024 dan zdied ghal 84.2% tal-medja tal-UE. Barra minn hekk, filwaqt li l-prezzijiet f'Malta zdiedu b'24.4% bejn l-2014 u l-2024, fl-UE dawn zdiedu bi 30.3%. F'dawn l-ahhar ghaxar snin il-paga medja f'Malta lahqet dik ta Spanja u l-Italia, meta 10 snin ilu kienet madwar 80% dik ta Spanja u 75% ta dik fl-Italja, fejn dawn iz-zewg pajjizi kellhom rata ta inflazzjoni prattikament daqs dik ta Malta.

Kisba ohra importanti f'dawn l-ahhar 10 snin kienet il-qaghda finanzjarja tal-gvern, kif spjegajt aktar qabel f'mistoqsija Numru 5 minn n-naha ta l-Oppozizzjoni.

Naturalment, it-tkabbir ekonomiku f'pajjizna kien wiehed b'sahhtu hafna f'dawn l-ahhar 10 snin fejn ra lil Malta tikber konsistentement b'rata ferm akbar minn dik ta l-UE. It-tkabbir ekonomiku f'pajjizna f'dawn l-ahhar 10 snin kien medja ta 6.8% kull sena, li hu 4 darbiet akbar minn dak tal-UE u z-zona ewro. F'dan iz-zmien, Malta kellha ukoll l-akbar tkabbir ekonomiku fost il-pajjizi kollha, wara l-Irlanda. Dan it-tkabbir ekonomiku sehh minghajr ma l-gvern zied id-dejn tieghu, ghajr fis-snin tal-pandemija mis-sena 2020 sa l-2022, u aktar importanti minn hekk, it-tip ta t-tkabbir ekonomiku li kellu pajjizna kien wiehed li gab mieghu zieda fl-impjiegi u l-pagi, izda ukoll li dan it-tkabbir kien xprunat mill-esportazzjoni, l-aktar ta servizzi, li wassal biex f'dawn l-10 snin pajjizna kellu surplus fil-bilanc tal-pagamenti ta madwar 9% tal-PGD, li jfisser li pajjizna zied l-assi tieghu barranin.

**8. X'karigi oħra bi ħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'kaz li tigi maħtur bħala Gvernatur tal-Bank Centrali ta' pajjizna?**

Skond Artiklu 8(4) tal-ligi tal-Bank Centrali ta Malta kemm il-Gvernatur u anki d-Deputati Gvernaturi ma jistax ikollhom ebda attivita ohra, sew bi hlas jew minghajr hlas, hlief jekk il-kariga li jkun se jokkupa tkun qed tigi okkupata minhabba li tirrekjedi li jkun il-Gvernatur jew ufficjal tal-Bank Centrali. Jien prezentement m'ghandi ebda kariga ohra, u ma jista jkolli ebda kariga ohra sakemm ma nigix mitlub li naghmel dan bhala Gvernatur jew bhala ufficjal tal-Bank. F'dan ir-rigward, prezentement jiena, bhala ufficjal tal-Bank, membru tal-"Public Debt Management Advisory Committee" tal-Gvern Malti, bhalma ssoltu jkollu rapprezentant il-Bank. Il-Gvernatur ikun ukoll membru tal-MCESD, fejn prezentement jien sostitut tal-Gvernatur kurrenti. Il-Gvernatur huwa ukoll membru ta n-National Co-ordinating Committee. Sa llum mhiniex konxju li hemm xi talba biex ninghata xi kariga ohra apparti dawn li jaghmlu parti mill-funzjoni ta Gvernatur.

**9. Tista' tindika jekk fil-prezent għandekx attivitajiet kummercjali?**

Ma ghandhi ebda attivita kummercjali u lanqas ma jien azzjonist b'xi ishma f'kumpaniji lokali jew barra minn Malta.

**10. Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'kaz li tigi maħtur bħala Gvernatur tal-Bank Centrali ta' pajjizna?**

Billi mghandi ebda sehem f'attivita kummercjali u lanqas ishma f'ebda intrapriza lokali jew barra minn Malta, ma ghandhi ebda kunflitt ta interess biex nokkupa din il-kariga.